



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2020
COM(2020) 215 final

2020/0095 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan ewlieni tal-proposta huwa li ddaħħal fil-liġi tal-Unjoni l-emendi fil-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat waqt l-aħħar laqgħa annwali tagħha fl-2019. Il-proposta tinkludi wkoll it-titjib editorjali tan-NAFO u tadatta l-kliem għall-kuntest legali tal-UE. In-NAFO hija l-organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral li huma f'idejha. Il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tan-NAFO japplikaw biss għaż-Żona Regolatorja tan-NAFO li tinsab fl-ibħra internazzjonali u li hija ddefinita bħala ż-żona li tinsab lil hinn miż-żona li fiha s-sajd jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-istati kostali. L-UE ilha mill-1979 Parti Kontraenti tan-NAFO.

Skont il-Konvenzjoni tan-NAFO, il-miżuri ta' konservazzjoni li l-Kummissjoni tan-NAFO tadotta huma vinkolanti (skont l-Artikolu XIV u l-Artikoli VI.8 u VI.9 tagħha) u l-partijiet kontraenti huma obbligati jimplimentawhom.

L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE trid tħares bis-sħiħ il-liġi internazzjonali. Dan jinkludi l-fatt li tikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

Bis-saħħa tar-Regolament (UE) 2019/833, il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO ddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni. Din il-proposta tkopri b'mod ewlieni l-emendi riċenti li n-NAFO adottat. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2019 għall-Unjoni u japplikaw minn dik id-data.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2019/833.

Din il-proposta hija konformi mal-Parti VI tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (li tittratta l-politika esterna), u tippredvi li l-Unjoni twettaq is-sajd estern tagħha skont l-obbligi internazzjonali tagħha u ssejjes l-attivitajiet tas-sajd tal-UE fuq il-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tas-sajd u tinvolvi lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd f'dan biex tiżgura l-konformità.

Il-proposta tikkumplimenta r-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-ġestjoni ta' flotot tas-sajd esterni, li jipprevedi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, u tikkumplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 dwar is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jipprevedi l-inklużjoni tal-lista tan-NAFO tal-bastimenti li jwettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU) fil-lista tal-Unjoni tal-bastimenti li jwettqu dan it-tip ta' sajd.

Din il-proposta ma tkoprix l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE li d-deċizzjonijiet dwarhom teħodhom in-NAFO. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), huwa l-Kunsill li għandu d-dritt jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, tad-dazji, tal-ġajjnuna u tal-limiti kwantitattivi u dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u l-allokazzjoni tagħhom.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE minħabba li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE). Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta se tiżgura li jintlaħqu l-obbligi tal-UE marbutin man-NAFO mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul jemenda r-Regolament (UE) 2019/833.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhumienx rilevanti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-għan ta' din il-proposta huwa li temenda r-Regolament (UE) 2019/833 billi ddaħħal fih l-iktar bidliet riċenti fil-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li ġew adottati waqt l-aħħar laqgħa annwali tan-NAFO f'Settembru tal-2019. Dawn l-emendi jorbtu lill-partijiet kontraenti. L-esperti nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija tal-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati kemm fil-perjodu ta' qabel il-laqgħa annwali tan-NAFO li matulha ġew adottati dawn ir-rakkomandazzjonijiet u kemm waqt in-negozjati li saru fin-NAFO.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta ddaħħal fil-liġi tal-Unjoni rakkomandazzjoni tan-NAFO li ġiet adottata skont il-pariri xjentifiċi u dwar il-kontroll tal-kumitati permanenti tan-NAFO.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhix rilevanti. Din il-proposta ddaħħal fil-liġi tal-Unjoni rakkomandazzjoni tan-NAFO li torbot lill-Partijiet Kontraenti u li tapplika direttament għall-Istati Membri.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhix marbuta mal-idoneità regolatorja u mas-simplifikazzjoni (il-programm imsejjaħ "REFIT").

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ma japplikawx.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Ma japplikawx.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tinkludi emendi tekniċi bħat-titjib u l-kjarifika tal-kliem li jintuża b'rabta mal-limiti tal-qbid u tal-isforz, mal-ġheluq tas-sajd, mal-qabdiet li jinżammu abbord, mad-daqs tal-malji, mal-ġurnali ta' abbord dwar is-sajd u mal-ġurnali ta' abbord tal-produzzjoni, fosthom id-dmirijiet addizzjonali tal-ispezzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rapporti dwar il-qabdiet ta' kull xahar.

Il-proposta tinkludi wkoll il-bidliet editorjali li n-NAFO għamlet fi ftit dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħalibatt ta' Greenland, mal-ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni, mal-kontroreferenzi għall-każijiet ta' ksur u mal-proċeduri tal-ksur. Hija ddaħħal definizzjonijiet marbutin mas-sit web tan-NAFO marbut mal-monitoraġġ, mal-kontroll u mas-sorveljanza u referenza għalih, flimkien mal-protokoll rilevanti biex jingħata aċċess għal dan is-sit web.

Il-proposta temenda wkoll ir-Regolament (UE) 2019/833 billi tiċċara l-użu tal-istrumenti tal-kejl u tagħmilha ċara li għandhom jintużaw l-istandards tan-NAFO. Il-proposta tinkorpora d-definizzjoni ta' "bastiment tas-sajd" mogħtija fil-kuntest tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO minħabba li din għandha kamp ta' applikazzjoni usa' minn dak tad-definizzjoni mogħtija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet ta' kontroll u ta' infurzar tal-UE jaħdmu f'konformità mal-Partijiet Kontraenti l-oħrajn tan-NAFO. Il-proposta ttejjeb il-fluss tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sajd tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat tan-NAFO u tirrikonoxxi r-rwol li l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandha fil-koordinazzjoni tal-mezzi li jintużaw għall-ispezzjoni fil-kuntest tal-Iskema Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza tan-NAFO. Hija ddaħħal dispożizzjonijiet biex tipproteġi l-kelb il-baħar ta' Greenland. Hija tiċċara l-ħtieġa li l-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-port tagħti l-kunsens tagħha għall-ispetturi ta' Parti Kontraenti oħra, kif ukoll l-arranġamenti tal-kiri li għandhom japplikaw fil-livell tan-NAFO. Il-proposta tiddelega wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li temenda d-dispożizzjonijiet tan-NAFO dwar il-konservazzjoni u l-infurzar li huma marbutin mad-daqs tal-malji, mal-għeriebel jew mal-gradilji u mal-ktajjen bil-kuċinilli li jintużaw fis-sajd għall-gambli tat-Tramuntana, u r-restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ. Dawn id-dispożizzjonijiet x'aktarx jiġu emendati waqt il-laqgħat annwali tan-NAFO li jmiss, jiġifieri mill-2020 'il quddiem, u x'aktarx li se jidhru fis-seħħ qabel l-istaġun tas-sajd tal-2021. Dawn id-dispożizzjonijiet se jkollhom jiġu emendati mill-ewwel biex il-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jistadu bl-istess mod bħall-bastimenti tal-Partijiet Kontraenti l-oħrajn tan-NAFO f'kull staġun tas-sajd li jkun imiss.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Minn meta ġie adottat ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² 'l hawn, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta' deċiżjonijiet li jorbtu legalment għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd li huma f'idejha waqt il-41 laqgħa annwali tagħha.
- (2) Dawk id-deċiżjonijiet huma indirizzati lill-Partijiet Kontraenti tan-NAFO, iżda jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi. Wara li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar (CEM) tan-NAFO daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2019, dawn bdew jorbtu lill-Partijiet Kontraenti kollha tan-NAFO. F'dak li għandu x'jaqşam mal-Unjoni, dawn iridu jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni sal-punt li fih mhumieq diġà previsti mil-liġi tal-Unjoni.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/833 jiġi adattat biex jibda japplika l-istandards tan-NAFO marbutin mal-kejl tal-malji u biex idaħħal id-definizzjoni ta' bastiment tas-sajd li tuża n-NAFO sabiex l-awtoritajiet ta' kontroll u ta' infurzar tal-UE jkunu jistgħu jaħdmu f'konformità mal-Partijiet Kontraenti l-oħrajn tan-NAFO u sabiex jitjieb il-fluss tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.
- (4) Skont l-Artikolu 3(c) u (i) tar-Regolament (UE) 2019/473³, il-missjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) hija, fost l-oħrajn, li torganizza l-koordinazzjoni operattiva tal-attivitajiet ta' kontroll u ta' spezzjoni tas-sajd mill-Istati

¹ ĠU C , , p. .

² Ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1627 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 u (KE) Nru 1386/2007 (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi internazzjonali ta' kontroll u ta' spezzjoni bħall-Iskema Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza tan-NAFO, u li tgħin lill-Istati Membri fir-rappurtar tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sajd u dwar l-attivitajiet ta' kontroll u ta' spezzjoni lill-Kummissjoni u lil partijiet terzi. Għalhekk huwa xieraq li l-EFCA tiġi stabbilita bħala l-korp li għandu jirċievi l-informazzjoni marbuta mal-ispezzjoni u mal-kontroll, bħar-rapporti ta' spezzjoni fuq il-baħar u n-notifiki tal-iskema tal-osservaturi ta' kontroll mingħand l-Istati Membri, u li għandu jibgħatha lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.

- (5) Il-proċedura tas-CEM biex il-Partijiet Kontraenti jibagħtu l-informazzjoni lis-sit web tan-NAFO marbut mal-monitoraġġ, mal-kontroll u mas-sorveljanza issa hija li dawn jibagħtu l-informazzjoni li trid tittella' f'dak is-sit lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO. Għalhekk jeħtieġ li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament biex ikunu jirriflettu din il-bidla u biex jiġu ċċarati l-mezzi li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jibagħtu l-informazzjoni.
- (6) Jeħtieġ li jiddaħħlu wkoll id-dispożizzjonijiet tas-CEM marbutin mal-ħarsien tal-kelb il-baħar ta' Greenland, li d-dispożizzjonijiet marbutin mal-arranġamenti tal-kiri jiġu allinjati ma' daww mogħtija fis-CEM tan-NAFO u li tiġi speċifikata l-ħtieġa li l-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-port tagħti l-kunsens tagħha biex l-ispetturi ta' Parti Kontraenti oħra jintbagħtu abbord il-bastimenti tas-sajd.
- (7) Ċerti dispożizzjonijiet tas-CEM x'aktarx jiġu emendati waqt il-laqgħat annwali tan-NAFO minħabba li jiddaħħlu miżuri tekniċi ġodda b'rabta mat-tibdil fil-bijomassa tal-istokkijiet u minħabba li jiġu riveduti r-restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri tas-CEM jiddaħħlu malajr fil-liġi tal-Unjoni qabel jibda l-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-aspetti li ġejjin: mar-regolazzjoni tad-daqs tal-malji, tal-għeriebel jew tal-gradilji u tal-ktajjen bil-kuċinilli li jintużaw fis-sajd għall-gambli tat-Tramuntana; u mar-restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/833 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament (UE) 2019/833

Ir-Regolament (UE) 2019/833 b'dan huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

⁴

ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(a) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(6) “bastiment tas-sajd” tfisser kull bastiment tal-Unjoni li jkun mgħammar biex iwettaq l-attivitajiet tas-sajd jew li jkun maħsub għal dan il-għan jew li jkun involut fl-attivitajiet tas-sajd, fosthom fl-ipproċessar tal-ħut, fit-trażbord jew f'kull attività oħra bi thejġija għall-attivitajiet tas-sajd jew b'rabta magħhom, fosthom l-attivitajiet tas-sajd sperimentali jew esploratorju.”;

(b) jiżdied il-punt (31) li ġej:

“(31) “is-sit web marbut mal-MCS” tfisser is-sit web tan-NAFO marbut mal-monitoraġġ, mal-kontroll u mas-sorveljanza li fih informazzjoni li hija rilevanti għall-ispezzjonijiet fuq il-baħar u għall-ispezzjonijiet fil-port. L-Anness II.XX tas-CEM imsemmi fil-punt 45 tal-Anness ta' dan ir-Regolament jiddeskrivi l-proċedura biex l-individwi fil-Partijiet Kontraenti jingħataw aċċess għal dan is-sit web.”;

(2) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jistadu għall-istokkijiet li għalihom l-Unjoni ma tkunx ingħatat kwota skont l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu fis-seħħ (il-kwota “għal stokkijiet oħrajn”), jekk tkun teżisti t-tali kwota u jekk is-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO ma jkunx għarrafhom li ngħalaq dak is-sajd.”;

(b) il-paragrafu 3(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) javża lill-Kummissjoni u lill-EFCA bl-ismijiet tal-bastimenti tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jistadu għall-istokkijiet skont il-kwota “għal stokkijiet oħrajn” tal-inqas 48 siegħa qabel kull dħul fiż-Żona Regolatorja u wara li jkun ilhom tal-inqas 48 siegħa li jkunu ħarġu minnha. Jekk ikun possibbli, ma' dik in-notifika għandha tintbagħat stima tal-qabda mistennija. Meta l-Kummissjoni tqis li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fis-CEM tan-NAFO, hija għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO b'dan.”;

(3) l-Artikolu 6(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) jagħlaq is-sajd dirett għar-redfish fid-Diviżjoni 3M bejn 24:00 f'UTC tal-jum li fih ikun stmat li l-qabda totali rappurtata tkun laħqet il-50 % mit-TAC għar-redfish fid-Diviżjoni 3M, kif innotifikat skont il-paragrafu 3, u l-1 ta' Lulju.”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) jagħlaq is-sajd dirett għar-redfish fid-Diviżjoni 3M f'24:00 f'UTC tal-jum li fih ikun stmat li l-qabda totali rappurtata tkun laħqet il-100 % mit-TAC għar-redfish fid-Diviżjoni 3M, kif innotifikat skont il-paragrafu 3.”;

(4) l-Artikolu 7(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) meta l-Unjoni ma tkun ingħatat l-ebda kwota għal dak l-istokk f'dik id-Diviżjoni skont l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu fis-seħħ.”;

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) meta jkun hemm projbizzjoni fis-seħħ fuq is-sajd għal dak l-istokk partikulari (moratorju); jew”;

- (5) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
- (i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-isem ta' kull port li jkun għażel għal dan il-għan, li għandha tibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NEAFC. Kull bidla sussegwenti f'dik il-lista għandha tintbagħat tal-inqas 20 jum qabel ma tidħol fis-seħħ dik il-bidla u l-lista aġġornata mibgħuta għandha tiegħu post il-lista l-oħra.”;
- (ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(e) kull Stat Membru għandu jispjazzjona l-ħatt l-art kollu tal-ħalibatt ta' Greenland li jsir fil-portijiet tiegħu u għandu jħejji rapport tal-ispezzjoni fil-format preskritt fl-Anness IV.C tas-CEM imsemmi fil-punt 9 tal-Anness ta' dan ir-Regolament u jibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO fi żmien 14-il jum tax-xogħol mid-data meta jkun temm l-ispezzjoni, u jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni u lill-EFCA. Fir-rapport għandhom jiġu identifikati l-każijiet kollha ta' ksur ta' dan ir-Regolament li jkunu ġew innutati waqt l-ispezzjoni fil-port u għandhom jingħataw id-dettalji dwarhom. Ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha li tkun disponibbli b'rabta mal-każijiet ta' ksur li jkunu ġew innutati fuq il-baħar waqt il-vjaġġ attwali tal-bastiment tas-sajd spezzjonat.”;
- (b) il-paragrafu 2(d)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “huwa ma jirċievi l-ebda konferma dwar dan fi żmien 72 siegħa minn meta jkun bagħat in-notifika tiegħu skont il-punt (a); jew”;
- (6) fl-Artikolu 12, jiżdiedu l-paragrafi 9 u 10 li ġejjin:
- “9. Għandu jkun ipprobit li wieħed jistad b'mod dirett għall-kelb il-baħar ta' Greenland (*Somniosus microcephalus*) fiż-Żona Regolatorja.
10. Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandhom iwettqu l-isforzi raġonevoli kollha biex inaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet inċidentali tal-klieb il-baħar ta' Greenland u l-mortalità tagħhom u biex, meta dawn jinqabdu ħajjin, jeħilsuhom b'mod li jagħmlilhom l-inqas ħsara possibbli.”;
- (7) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-daqs tal-malji għandu jitkejjel skont l-Anness III.A tas-CEM imsemmi fil-punt 10 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.”;
- (b) il-paragrafu 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(a) 40 mm għall-gambli, inklużi l-gambli tat-Tramuntana (PRA);”;
- (8) fl-Artikolu 18 jiġihassar il-paragrafu 4;
- (9) l-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 23

Arranġamenti tal-kiri

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, “Parti Kontraenti li qed tikri” għandha tirreferi għall-Parti Kontraenti li għandha allokazzjoni kif indikat fl-Anness I.A u fl-Anness I.B tas-CEM, jew għall-Istat Membru li għandu allokazzjoni ta'

opportunitajiet tas-sajd, u “Parti Kontraenti li hija l-Istat tal-bandiera” għandha tirreferi għall-Parti Kontraenti jew għall-Istat Membru fejn huwa rreġistrat il-bastiment mikri.

2. L-allokazzjoni kollha tas-sajd ta’ Parti Kontraenti li qed tikri, jew parti minnha, tista’ tinqabad bl-użu ta’ bastiment awtorizzat mikri (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “bastiment mikri”) li jtajjar il-bandiera ta’ Parti Kontraenti oħra, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera tkun qablet bil-miktub mal-arranġament tal-kiri;

(b) l-arranġament tal-kiri jkun limitat għal bastiment wieħed tas-sajd għal kull Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera f’kull sena kalendarja;

(c) f’sena kalendarja, il-perjodu tal-ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri ma jkunx jaqbeż is-sitt xhur meta jittieħed kollu f’daqqa; u

(d) il-bastiment mikri ma jkunx bastiment li qabel kien ġie identifikat bħala bastiment li wettaq is-sajd IUU.

3. Il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji kollha li l-bastiment mikri jagħmel skont l-arranġament tal-kiri għandhom jiġu attribwiti lill-Parti Kontraenti li qed tikri.

4. Meta l-bastiment mikri jkun qed iwettaq ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri, il-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera ma għandhiex tawtorizzah jistad għal xi waħda mill-allokazzjonijiet tagħha u ma għandhiex tawtorizzah jistad skont arranġament tal-kiri ieħor fl-istess ħin.

5. Ma jista’ jsir l-ebda trazzbord fuq il-baħar mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Parti Kontraenti li qed tikri, li għandha tiżgura li dan isir taħt is-superviżjoni ta’ osservatur li jkun abbord.

6. Qabel ma jibda jitħaddem l-arranġament tal-kiri, il-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO bil-miktub li hija taqbel miegħu u għandha tagħti kopja tal-avviż li joħroġ is-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO bid-dettalji tal-kiri lill-bastiment mikri.

7. Meta l-bastiment mikri jkun bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-miktub b’dan qabel ma jibda jitħaddem l-arranġament tal-kiri. Meta l-Kummissjoni tqis li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fis-CEM, hija għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO li hija taqbel mal-arranġament tal-kiri.

8. Qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ l-arranġament tal-kiri, il-Parti Kontraenti li qed tikri għandha tibgħat l-informazzjoni li ġejja bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO u lill-bastiment mikri, li għandu dejjem iżomm kopja tagħha abbord:

(a) isem il-bastiment, ir-reġistrazzjoni tiegħu fl-Istat tal-bandiera, in-numru tal-OMI tiegħu u l-Istat tal-bandiera tiegħu;

(b) l-isem jew l-ismijiet u l-Istat jew l-Istati tal-bandiera ta’ qabel tal-bastiment, jekk kellu;

(c) l-isem u l-indirizz tas-sid jew tas-sidien u tal-operaturi tal-bastiment;

(d) kopja tal-arranġament tal-kiri u ta’ kull awtorizzazzjoni jew liċenzja tas-sajd li l-Parti Kontraenti li qed tikri tkun haġġet għall-bastiment mikri; u

(e) l-allokazzjoni mogħtija lill-bastiment.

9. Meta l-Parti Kontraenti li qed tikri tkun l-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru li qed jikri għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 qabel ma jidħol fis-seħħ l-arranġament tal-kiri. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun għew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fis-CEM, hija għandha tibgħat l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.

10. Meta l-bastiment mikri jkun bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jgħarraf lill-Kummissjoni minnufih malli jseħħ xi wieħed mill-avvenimenti li ġejjin:

(a) malli jinbdew il-ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri;

(b) malli jiġu sospiżi l-ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri;

(c) malli jerġgħu jinbdew il-ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri li jkun ġie sospiż;

(d) malli jintemmu l-ħidmiet tas-sajd skont l-arranġament tal-kiri.

11. Il-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera għandha żżomm reġistru separat tad-data dwar il-qabdiet u dwar il-qabdiet aċċessorji mill-ħidmiet tas-sajd skont kull arranġament tal-kiri ta' bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u għandha tibgħat rapport dwarhom lill-Kummissjoni, li għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parti Kontraenti li qed tikri u lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.”;

(10) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) fih jiġu rreġistrati b'mod preċiż il-qabdiet minn kull tkarkira jew minn kull kalata, imqassmin skont id-Diviżjoni,”;

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) tiġi rreġistrata l-produzzjoni ta' kull speċi u ta' kull tip ta' prodott, imqassma skont id-Diviżjoni,”;

(ii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) kull entrata tiġi rreġistrata skont l-Artikolu 24,”;

(iii) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) u li fih, meta l-produzzjoni tkun seħħet fil-jum tal-ispezzjoni, l-informazzjoni marbuta ma' kull qabda pproċessata għal dak il-jum titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ispettur meta dan jitlobha.”;

(c) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) ir-rapport dwar il-qabdiet (CAT): l-għadd ta' ħut li nżamm u l-għadd ta' ħut li ġie skartat fil-jum ta' qabel ir-rapport, imqassam skont l-ispeċi u skont id-Diviżjoni, inkluż is-sajd li matulu ma nqabad l-ebda ħut, li għandu jintbagħat ta' kuljum qabel 12:00 f'UTC, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx intbagħtet mod ieħor f'rapport tat-tip “COX”. Is-sajd li matulu ma jkun inqabad l-ebda ħut li nżamm jew li ġie skartat għandu jiġi rrappurtat billi jintuża l-kodiċi tal-alfa-3 “MZZ” (speċijiet tal-baħar mhux speċifikati) u ammont ta' “0”, hekk kif juru l-eżempji li ġejjin: (//CA/MZZ 0// u //RJ/MZZ 0//);”;

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-qabdiet għandhom jiġu rrapportati fil-livell tal-ispeċijiet bil-kodiċi tal-alfa-3 li jikkorrispondu magħhom mogħti fl-Anness I.C tas-CEM imsemmi fil-punt 11 tal-Anness ta' dan ir-Regolament jew, jekk ma jkunux inklużi fl-Anness I.C, bil-kodiċi mogħti fil-Lista tal-ispeċijiet għall-finijiet tal-istatistika dwar is-sajd tas-sistema ta' informazzjoni tal-FAO dwar ix-xjenza akkwatika u s-sajd. Għandu jiġi rreġistrat ukoll il-piż stmat tal-klieb il-baħar li jinqabdu waqt kull ġabra jew waqt kull kalata.”;

(d) fil-paragrafu 9, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“Il-paragrafu (a) ta' hawn fuq ma japplikax jekk il-qabdiet kollha jkunu ġew irrappurtati skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.”;

(11) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt (g) li ġej:

“(g) jibgħat ir-rapport ta' kuljum tal-osservatur imsemmi fil-paragrafu 11(e) lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO b'mod elettroniku u mingħajr dewmien wara li jirċevih.”;

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Kull Stat Membru għandu jipprovdi:

(a) sa mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel ma osservatur jintbagħat abbord bastiment tas-sajd, isem il-bastiment tas-sajd u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tiegħu, flimkien ma' isem l-osservatur ikkonċernat u n-numru tal-identità tiegħu (jekk dan ikun japplika);

(b) fi żmien 20 jum minn meta l-bastiment jasal fil-port, ir-rapport tal-osservatur dwar il-vjaġġ imsemmi fil-paragrafu 11;

(c) sal-15 ta' Frar ta' kull sena, rapport dwar il-konformità tiegħu mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu b'rabta mas-sena kalendarja ta' qabel.”;

(c) il-paragrafu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“15. L-informazzjoni li l-Istati Membri jridu jipprovdu skont il-paragrafu 3(c) u (d), skont il-paragrafu 5(a), skont il-paragrafu 6(c) u skont il-paragrafu 7 għandha tintbagħat lill-EFCA u kopja tagħha għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. L-EFCA għandha tiżgura li din l-informazzjoni tintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO mingħajr dewmien biex tiġi ppubblikata fuq is-sit web tan-NAFO marbut mal-MCS.”;

(12) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza għandhom iwettquhom l-ispetturi li l-Istati Membri, l-EFCA u l-Kummissjoni jassenjaw għal dan. L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jgħarrfu lill-EFCA bl-ispetturi permezz tal-Iskema.”;

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. L-ispetturi li jżuru bastiment tar-riċerka għandhom jinnutaw l-istatus tal-bastiment u għandhom jillimitaw il-proċeduri ta' spezzjoni għal dawk li huma meħtieġa biex jiżguraw ruħhom li l-bastiment qed iwettaq attivitajiet li huma konsistenti mal-pjan tar-riċerka tiegħu. Meta l-ispetturi jkollhom raġunijiet validi biex jissuspettaw li l-bastiment qed iwettaq attivitajiet li mhumiex konsistenti mal-

pjan tar-riċerka tiegħu, il-Kummissjoni u l-EFCA għandhom jiġu infurmati mill-ewwel b'dan u s-CEM għandhom japplikaw għalkollox.”;

(13) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tibgħat it-tali rapport ta' sorveljanza lill-EFCA, li għandha tibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO mingħajr dewmien biex dan jibagħtu lill-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera tal-bastiment;”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Kull Stat Membru għandu jibgħat ir-rapport tal-investigazzjoni lill-EFCA, li għandha tibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO u lill-Kummissjoni.”;

(14) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2(c)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) jirreġistraw dawn is-sommarji kif ukoll id-differenzi bejn il-qabdiet irreġistrati u l-istimi tagħhom tal-qabdiet abbord fit-taqsimiet rilevanti tar-rapport tal-ispezzjoni;”;

(b) il-paragrafu 3(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jibgħat ir-rapport tal-ispezzjoni fuq il-baħar lill-EFCA, jekk jista' jkun fi żmien 20 jum minn meta ssir l-ispezzjoni, li min-naħa tagħha għandha tibagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO;”;

(15) l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1(g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) jgħarrfu lill-osservatur li jkun hemm abbord bil-każ ta' ksur.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jibgħat notifika bil-miktub lill-Kummissjoni u lill-EFCA dwar il-każ ta' ksur irrappurtat mill-ispetturi tiegħu fi żmien 24 siegħa minn x'ħin jinstab il-ksur u, min-naħa tagħha, l-EFCA għandha tibgħat din in-notifika lill-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni, u lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO. In-notifika bil-miktub għandu jkun fiha l-informazzjoni mdaħħla fit-taqsimi tar-rapport tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness IV.B tas-CEM imsemmi fil-punt 41 tal-Anness ta' dan ir-Regolament li tittratta l-każijiet ta' ksur, għandha ssemmi l-miżuri rilevanti u tiddekrivi fid-dettall il-bażi għall-ħruġ tal-avviż ta' każ ta' ksur u l-evidenza li tappoġġa l-avviż u, meta dan ikun possibbli, għandu jkollha magħha l-immaġnijiet tal-irkaptu, tal-qabdiet jew ta' kull evidenza oħra marbuta mal-każ ta' ksur imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;”;

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-EFCA għandha tibgħat ir-rapport tal-ispezzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO.”;

(16) l-Artikolu 35(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) is-sajd għall-istokkijiet skont il-kwota “għal stokkijiet oħrajn” mingħajr ma l-Kummissjoni u l-EFCA jiġu avżati bil-quddiem b’dan, bi ksur tal-Artikolu 5;”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) is-sajd f’żona magħluqa, bi ksur tal-Artikolu 9(5) u tal-Artikolu 18;”;

(c) il-punt (k) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(k) in-nuqqas li jintbagħtu messaġġi dwar il-qabdiet, bi ksur tal-Artikolu 12(1) u tal-Artikolu 25;”;

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, “ir-reġistrazzjoni ħażina tal-qabdiet” tfisser differenza ta’ mill-inqas 10 tunnelli jew ta’ 20 %, skont liema minnhom ikun l-ikbar, bejn l-istimi tal-qabda pproċessata li jkun hemm abbord, b’kolloxx jew imqassma skont l-ispeċi, li jkunu għamli l-ispetturi, u ċ-ċifri rreġistrati fil-ġurnal ta’ abbord tal-produzzjoni, ikkalkulata bħala perċentwal ta’-ċifri mogħtija fil-ġurnal ta’ abbord tal-produzzjoni.”;

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“6. Bil-qbil tal-Istat Membru tal-bandiera u tal-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-port jekk din tkun differenti, l-ispetturi ta’ Parti Kontraenti oħra jew ta’ Stat Membru ieħor jistgħu jieħdu sehem fl-ispezzjoni sħiħa u fl-istabbiliment tal-ammont tal-qabda.”;

(17) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istat Membru tal-port għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista tal-portijiet magħżulin li fihom jistgħu jitħallew jidħlu l-bastimenti tas-sajd biex iħottu l-art il-ħut, biex jittrażbordawh u/jew biex jingħataw servizzi portwarji, u għandu jiżgura li, kemm jista’ jkun, kull port magħżul ikollu biżżejjed kapacià biex fih jitwettqu spezzjonijiet skont dan il-Kapitolu. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO bil-lista tal-portijiet magħżulin. Kull bidla sussegwenti f’dik il-lista għandha tiġi mgħarrfa tal-inqas 15-il jum qabel ma tidħol fis-seħħ dik il-bidla u l-lista aġġornata mgħarrfa għandha tieħu post il-lista l-oħra.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istat Membru tal-port għandu jistabbilixxi perjodu minimu għat-talba minn qabel. Il-perjodu għat-talba minn qabel għandu jkun ta’ tlett ijiem tax-xogħol qabel il-ħin mistenni tal-wasla tal-bastiment fil-port. Madankollu, bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru tal-port jista’ jipprevedi perjodu ieħor għat-talba minn qabel, filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, it-tip ta’ prodott maqbud u d-distanza bejn il-portijiet għas-sajd u l-portijiet tiegħu. L-Istat Membru tal-port għandu jibgħat l-informazzjoni dwar il-perjodu għat-talba minn qabel lill-Kummissjoni, li għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO b’dan.”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. L-Istat Membru tal-port għandu jaħtar lill-awtorità kompetenti li se taġixxi bħala l-punt ta’ kuntatt biex tirċievi t-talbiet skont l-Artikolu 41, biex tirċievi l-konfermi skont l-Artikolu 40(2) u biex toħroġ l-awtorizzazzjonijiet skont il-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu. L-Istat Membru tal-port għandu jibgħat isem l-awtorità kompetenti u d-

dettalji ta' kuntatt tagħha lill-Kummissjoni, li għandha tgħarraf lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO b'dan.”;

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. L-Istat Membru tal-port għandu jgħarraf minnufih lill-kaptan tal-bastiment bid-deċiżjoni tiegħu li jawtorizza d-dħul fil-port jew le, jew li jawtorizza l-ħatt l-art, it-trażbord jew xi użu ieħor tal-port jew le f'każ li l-bastiment ikun fil-port. Jekk jawtorizza d-dħul fil-port, l-Istat Membru tal-port għandu jagħti lura lill-kaptan tal-bastiment kopja tal-Formola għat-talba minn qabel marbuta mal-kontroll mill-Istat tal-port mogħtija fl-Anness II.L tas-CEM imsemmija fil-punt 43 tal-Anness ta' dan ir-Regolament bil-Parti C mimlija kif xieraq. Din il-kopja għandha tintbagħat ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO u kopja tagħha għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-EFCA. F'każ li ma jawtorizzax id-dħul fil-port, l-Istat Membru tal-port għandu jgħarraf ukoll lill-Parti Kontraenti tan-NAFO li tkun l-Istat tal-bandiera b'dan.”;

(e) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. F'każ li t-talba minn qabel titħassar kif imsemmi fl-Artikolu 41(2), l-Istat Membru tal-port għandu jibgħat kopja tal-Formola għat-talba minn qabel marbuta mal-kontroll mill-Istat tal-port li tkun tħassret lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO u jibgħat kopja tagħha lill-Kummissjoni u lill-EFCA.”;

(f) il-paragrafu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“17. L-Istat Membru tal-port għandu jibgħat kopja ta' kull rapport dwar l-ispezzjoni marbuta mal-kontroll mill-Istat tal-port lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO minnufih u jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni u lill-EFCA.”;

(18) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 45

Lemh u spezzjoni fiż-Żona Regulatorja ta' bastimenti ta' parti li mhix Parti Kontraenti

L-Istati Membri kollha, jew l-EFCA, meta dan ikun xieraq, li jkunu qed iwettqu spezzjoni u/jew sorveljanza fiż-Żona Regulatorja awtorizzati skont l-Iskema Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza li jilmħu bastiment ta' parti li mhix Parti Kontraenti jwettaq attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regulatorja jew li jidentifikaw bastiment ta' dan it-tip jagħmel dan, għandhom:

(a) jibagħtu l-informazzjoni lill-Kummissjoni minnufih billi jużaw il-format tar-rapport ta' sorveljanza stabbilit fl-Anness IV.A tas-CEM imsemmi fil-punt 38 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) jippruvaw jinfurmaw lill-kaptan tal-bastiment li l-bastiment qed jitqies li qed iwettaq sajd IUU u li din l-informazzjoni se tintbagħat lill-Partijiet Kontraenti kollha, lill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd rilevanti u lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment;

(c) jitolbu permess lill-kaptan tal-bastiment biex jitilgħu abbord il-bastiment u jispezzjonawh, jekk dan ikun xieraq; u

(d) meta l-kaptan tal-bastiment jaqbel li ssir din l-ispezzjoni:

(i) jibagħtu s-sejbiet tal-ispettur lill-Kummissjoni minnufih billi jużaw il-formola tar-rapport tal-ispezzjoni stabbilita fl-Anness IV.B tas-CEM imsemmi fil-punt 41 tal-Anness ta' dan ir-Regolament; u

(ii) jagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment.”;

(19) fl-Artikolu 50(2), jiżdiedu l-punti (i), (j) u (k) li ġejjin:

“(i) id-daqs tal-malji stabbilit fl-Artikolu 13(2);

(j) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Artikolu 14(2) għall-għeriebel, għall-gradilji u għall-ktajjen bil-kuċinilli li jintużaw fis-sajd għall-gambli tat-Tramuntana;

(k) ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 fuq iż-żoni fejn jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ.”;

(20) l-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (44) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(44) l-Anness IV.H tas-CEM dwar l-ispezzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 39(11);”;

(b) jiżdied il-punt (45) li ġej:

“(45) l-Anness II.XX tas-CEM imsemmi fl-Artikolu 3(31).”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President